tagħna. Il-ktieb iżda huwa maħsub ukoll għall-iskejjel. Fil-bidu tal-ktieb insibu nota li "l-awtur hejja riżorsa b'ideat u suġġerimenti għal dawk l-għalliema li jitħajru li jitħajru jużaw dan il-ktieb fil-klassi." Ir-riżorsa tinstab permezz tas-sit merlinpublishers.com/riżorsi/ejja-nsajru-poezija/

## "L-Arja Xitwija" ta' Alfred Massa

Fil-Paġna Letterarja tas-16 ta' Lulju 2023 kont ktibt dwar il-ġabra ta' novelli "Fuq il-Palk tal-Ħajja" ta' Alfred Massa. Fil-ħsieb tiegħi osservajt li "L-umanità imma tiġi f'diversi forom u dak is sabiħ li qed iżomm id-dinja ddur, hu li kulħadd differenti u fil-maġġoranza hemm ħafna u ħafna pożittività fihom." Alfred Massa issa qed jagħtina rumanz. It-temi iżda baqgħu jidwu ġo moħħu, li fi ftit kliem wieħed jista' jiġborhom fit-tkissir tal-valuri, it-tnawwir tal-morali, u fuq dawn is-sisien li qed jitfarrku wieħed jista' jżid il-materjaliżmu sfrenat u r-regħba fost oħrajn. Għaldaqstant waqt li dwar dan l-awtur, donni fil-ħsieb tiegħi kont tfajt wisq enfasi dwar kif jistgħu jinterpretawh kritiċi oħra lokali, anke fid-dawl ta' dak li qed jiġri fix-xena letterarja Ewropeja, konsistentament ma' dak li għedt imma rrid nixħet aktar dawl fuq dan l-awtur ċelebri b'esperjenza kbira bħala riformatur. Massa, kofundatur tal-Għaqda Poeti Maltin li tagħha għamel 10 snin President, involut sew fil-lokal fejn jgħix Ħal Tarxien qatt ma kien xi awtur passiv. Illum inħares lejh bħala awtur li jħaddan ċerta esperjenza u maturità, li iżda għadu b'saħħtu biżżejjed biex jibqa' jissielet anke jekk waqtiet kontra l-kurrent. Massa ma jridx ireġġa' l-arloġġ tas-soċjetà lura u lanqas jikkonserva dak li għandna. Imma fir-rumanz tinħass ix-xewqa li ma nitilfux dawk li jsawwarna kif ukoll li napprezzaw is-sabiħ li għandna.

Għal dan ir-rumanz għandi ħsieb tal-awtriċi Therese Pace.

### Ħsieb ta' Therese Pace

"Il-kitba tar-rumanz hija impenjattiva u teħtieġ sengħa partikulari fil-ħsieb u t-tifsila. Ir-rumanz jinbena prattikament fuq tliet pilastri li huma l-karattri, l-istil u l-plot. Iktar ma l-karattri juru xeħtiet kontemporanji iktar il-qarrej ikun jista' jirrelata ruħu magħhom u għalhekk iħallu iktar impatt fuqu. Iktar ma jidħlu karattri sekondarji, iktar titwessa' u tvarja ruħha n-nisġa tal-ġrajja.

Id-dar tal-pubblikazzjoni Horizons ilha ħafna tberraħ ix-xogħlijiet ta' Alfred Massa għax konxja li bejn Alfred Massa u r-rumanz hemm ħbiberija antika u kostanti, anzi nazzarda ngħid namur li permezz tiegħu, il-letteratura Maltija stagħniet b'rumanzi mill-isbaħ bi stejjer bi stil mexxej li jittrattaw temi soċjali kontemporanji mnebbħa mill-qagħda preżenti soċjali u morali ta' pajjiżna.

"L-Arja Xitwija" jaħbat l-għoxrin rumanz li Alfred Massa kiteb u ppubblika sa issa. Dan ir-rumanz li hu maqsum f'dsatax-il kapitlu ta' daqs medju hu msejjes fuq stil mexxej mingħajr wisq kumplikazzjonijiet fil-binja tiegħu u li fihom dejjem iperreċ sitwazzjonijiet u karattri li jirriflettu l-andament morali u soċjali fil-fibra tas-soċjetà Maltija. Fir-rumanzi tiegħu, Massa jagħżel karattri li jittrażmettu l-messaġġ rilevanti li jkun jixtieq jgħaddi lill-qarrej li prinċipalment huwa d-deterjorazzjoni tal-valuri soċjali u morali li Malta ħaddnet sa minn dejjem u li trabba u kiber fihom hu. Donnu li hu stess jilgħab il-parti tal-kritiku tas-soċjetà Maltija kontemporanja u ma jiddejjaqx juri xewqtu li din tirrestawra ruħha għall-mod onest u tajjeb kif kienet qabel. Dan nistgħu ninnotawh kif jirrakkonta li Rakela u Marjanna sfaw abbandunati minn missierhom fiċ-ċkunija, kif uża l-orfanatrofji biex jindirizza n-numru dejjem jikber ta' tfal imħollija fihom, l-egoiżmu fil-karattru ta' Antonella, il-materjaliżmu tal-lum, l-abbuż sesswali li jkompli jerfa' rasu dejjem iktar, l-infidelità ta' Sandro u l-ħabi tiegħu minn Marjanna li spiss ikunu fatturi li jkissru ż-żwiġijiet, kif ukoll l-ottimiżmu u l-pessimiżmu fil-ħajja tal-bnedmin. Biex jenfasizza dan, Massa jħobb juża qwiel u għajdut Maltin li huma familjari mal-qarrej.

Dan ir-rumanz jirrakkonta l-ġrajjiet ta' persuni f'familji Maltin u jinterzja karattri diversi u mlewna, uħud ta' xejra b'valuri tal-ħajja tajbin ħafna u oħrajn ftit inqas. Il-protagonisti prinċipali huma żewġ settijiet ta' tewmin li d-destin refa' għalihom xorti ħafna differenti, f'pajjiżi differenti. Naraw lill-aħwa Rakela u Marjanna li waħda tgħix ma' nannitha u l-oħra tħalliet f'istitut. It-tnejn jiżżewġu imma filwaqt li Rakela ssib xorti fiż-żwieġ, l-iżventura ta' Marjanna tibda sa minn ċkunitha u tkompli wkoll matul iż-żwieġ. It-trawma li għaddiet minnha fi tfulitha fl-orfanatrofju tibqa' ġġorrha magħha matul ħajjitha kollha u spiss tkun ir-raġuni tad-diversi sitwazzjonijiet koroh tal-ħajja li tgħaddi minnhom. Ix-xewqa għall-maternità li kellha u li qatt ma ġiet maqtugħa twassalha biex trabbi lil Benjamin avolja ma kienx binha. Dan ir-rumanz ma jonqosx milli jesponi x-xogħol siewi li jwettqu s-sorijiet mat-tfal abbandunati.

Bħal sħabu ta' qablu, dar-rumanz għandu jkun popolari ħafna ma' dawk li jħobbu rumanzi għall-mogħdija taż-żmien. Il-ħeffa li biha l-awtur jgħaddi minn kapitlu għall-ieħor u l-istil ta' kitba li jħaddan huma mfittxija minn sezzjoni wiesgħa tal-qarrejja ta' dan il-ġeneru ta' letteratura. Jalla li l-passat ikun il-garanzija tal-futur."

Dan hu l-aktar ktieb riċenti ta' Alfred Massa, fil-fatt ħareġ fl-2022 pubblikazzjoni Horizons.




## "Silent Night" ta' Salv Sammut

Il-Milied kien wasal filqrib. Kulħadd kien qed iħejji għal din il-festa sabiħa ta' darba fis-sena. Franġisk kien iħobbu l-Milied u l-jiem kollha f'kull ħin li jkollu jibda jkanta l-għanjiet. Qrib sewwa l-ħamsa u għoxrin ta' Diċembru kien fil-garaxx filgħaxija jirranġa xi ħaġa. Kien beda jidlam sew iżda Franġisk ma tax kas il-ħin u b'garġi ta' baritnu beda jkanta l-għanja "Silent Night". Kien jinstema' minn kantuniera bogħod u kull min għadda tbissem meta semgħu.

Qrib id-disgħa kien wasal biex jagħlaq u waqaf millkant. Iżda ma laħaqx dawwar is-serratura li quddiemu ma rax surġent u pulizija. Dawn ħarsu lejh u staqsewh kienx Franġisk Saliba u jekk kienx qed ikanta. Franġisk, maħsud, weġibhom li hu kien kif ukoll li kien kanta għanja tal-Milied. Staqsiehom għaliex riedu jkunu jafu.

"Għandna rapport li kont qed tkanta b'leħen jgħajjat ħafna u dejjaqt lil ġirien!" qallu s-surġent.

"Kif jista' jkun li kont qed ngħajjat? Mela x'kont qed inkanta ngħajjat?" staqsa Franġisk jagħmilha tal-fidil.

"Is-Silent Night" qallu l-pulizija.

Franġisk infaqa' jidħak kemm jiflaħ u dikment wieġeb:

"U kif jista' jkun li kont qed inkanta SILENT night ngħajjat, sieħbi? X'taħseb int?"

Is-surġent u l-pulizija ħarsu lejn xulxin u wara li wissew lil Franġisk telqu lura lejn l-Għassa.

## Oh Ħelwa Mitlufa Tarbija ta' Daphne Emanuela Ventorino

Ħlejqa ċkejkna, mistennija… mixtieqa,
Fil-ġuf imħarsa, tikber, tifforma…
Qalb ħelwa u żgħira tferfer
Bħal-farfett imxennaq biex itir.
Kmieni wisq biex tisma'
Dik it-taħbita bħal tanbur ċkejken
Jgħaddu l-minuti u s-sigħat,
Itiru l-ġranet u l-ġimgħat…
Dlonk kollox jinbidel ħesrem…
Leħħa ta' berqa fi bnazzi bla sħab
Mal-aħbar kerha, tbikkem il-fomm…
Ħoss ta' xejn
Ħadd ma jaf għalfejn.
L-idejn imriegħda mażżaqq jiggranfaw,
Fejn hemm ġuf vojt bla taħbita bla ħajja…
Ġuf li jgħożż biss memorja
u jtaqqal il-ħsieb
X'vojt ħallejt, x'niket u tbatija…
Kif tlaqt ħesrem…
Oh ħelwa, mitlufa, tarbija.